31996R1555

3.8.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 193/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1555/96
tat-30 ta' Lulju 1996
dwar regoli ta' applikazzjoni għal dazji addizzjonali ta' importazzjoni fuq frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fi frott u l-ħxejjex [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1363/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 24(4) tiegħu,

Billi taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 dazju addizzjonali ta' importazzjoni għal dak provdut mit-Tarriffa Komuni Doganali ('dazju addizzjonali') jista' jiġi mpost fuq ċerti prodotti koperti b'dak ir-Regolament jekk it-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura [3] jiġu mħarsa, sakemm ma jkun hemm l-ebda riskju ta' disturb fis-suq tal-Komunità jew l-impatt ikun sproporzjonat għal finijiet mixtieqa;

Billi dazju addizzjonali jista' jiġi mpost jekk il-volumi ta' importazzjoni tal-prodotti konċernati, determinati mill-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa mill-Istati Membri jew bi proċeduri ntrodotti taħt ftehim preferenzjali, jeċċedu livelli ta' skattar stabbiliti mill-prodott u l-perjodu ta' applikazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura;

Billi dazju addizzjonali jista' jiġi mpost biss fuq importazzjoni li l-klassifikazzjoni tagħha tat-tariffa magħmula skond l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3223/94 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2933/95 [5], jinħtieġ l-applikazzjoni ta' l-għola dazju speċifiku u fuq importazzjonijiet magħmula barra l-kwoti tat-tariffi ffissati fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; billi ma jistgħax jiġi mpost l-ebda dazju addizzjonali fuq prodotti li jgawdu preferenza fir-rigward tal-prezz tad-dħul, sa dak il-punt illi l-klassifikazzjoni tat-tariffa tagħhom ma tinħtieġ l-applikazzjoni ta' l-għola dazju speċifiku;

Billi, fil-każ ta' importazzjonijiet li jgawdu minn tariffa preferenzjali fir-rigward ta' dazju *ad valorem*, il-kalkolu tad-dazju addizzjonali għandu jagħti kont ta' dan;

Billi prodotti fi triqthom lejn il-Komunità huma eżentati minn dazju addizzjonali; billi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dawn għandhom għalhekk isiru;

Billi l-introduzzjoni ta' arranġamenti dwar liċenzi ta' importazzjoni ma tipprevjenix li jiġu sostitwiti bi proċedura rapida komputerizzata biex jiġu reġistrati l-importazzjonijiet malli ikun legalment u prattikament possibbli li dan isir; billi għandu jkun hemm evalwazzjoni f'dan ir-rigward sal-31 ta' Diċembru 1997;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott frisk u l-Ħxejjex għadu ma' tax opinjoni fi żmien stipulat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dazju addizzjonali fuq l-importazzjoni kif msemmi fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, msejjaħ 'dazju addizzjonali' hawn taħt, jista' jiġi applikat fuq il-prodotti elenkati fl-Anness hawn mehmus taħt il-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt.

Artikolu 2

Livelli ta' skattar u l-perjodi applikabbli għal kull wieħed mill-prodott elenkati fl-Anness għandhom jiġu fissati kull sena.

[1] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[2] ĠU L 132, tas-16.6.1995, p. 8.
[3] ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 22.
[4] ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 66.
[5] ĠU L 307, ta' l-20.12.1995, p. 21.

Artikolu 3

1. Jekk jinsab illi l-kwantità mpurtata ta' prodott li għalih il-klawsola speċjali ta' salvagward tkun inqabżet fir-rigward ta' perjodu partikolari, kif stabbilit mill-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa skond l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, jew bil-proċedura introdotta taħt arranġament preferenzjali, il-livell ta' skattar stabbilit taħt l-Artikolu 2, il-Kummissjoni għanda timponi dazju addizzjonali.

2. Dan għandu japplika għall-prodotti koperti b'liċenzja ta' importazzjoni maħruġa wara d-data ta' l-introduzzjoni tad-dazju u għall-importazzjoni effetwati wara dik id-data fil-każ ta' proċedura, skond it-tifsira tal-paragrafu 1, introdott taħt arranġament preferenzjali sakemm:

— il-klassifikazzjoni tagħhom tat-tariffa stabbilita skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3223/94 tirrikjedi l-applikazzjoni ta' l-għola dazji speċifiċi għall-importazzjonijiet in kwistjoni,

— importazzjoni tkun saret waqt il-perjodu ta' applikazzjoni tad-dazju addizzjonali.

Artikolu 4

1. Id-dazju addizzjonali impost taħt l-Atikolu 3 għandu jkun terz tad-dazju doganali applikabbli għall-prodott fit-Tariffa Komuni Doganali.

2. Madanakollu, għal importazzjonijiet li jgawdu minn tariffa preferenzjali ta' dazju ad valorem id-dazju addizzjonali għandu jkun terz tad-dazju speċifiku fuq il-prodott sal-limitu li japplika l-Artikolu 3(2).

Artikolu 5

1. Dawn li ġejjin huma eżentati minn dazju addizzjonali:

(a) oġġetti importati kontra kwoti tat-tariffi elenkati fl-Anness 7 tan-nomenklatura maqgħuda;

(b) oġġetti fi triqthom lejn il-Komunità kif definiti fil-paragrafu 2.

2. Oġġetti jkunu kunsidrati li jkunu fi triqthom lejn il-Komunità li:

— jkunu ħallew il-pajjiż ta' oriġini qabel id-deċiżjoni li jiġi mpost id-dazju addizzjonali, u

— qegħdin jiġu trasportati taħt il-kopertura ta' dokument ta' trasport validu mill-post tat-tagħbija fil-pajjiż ta' oriġini għall-post fejn jinħattu fil-Komunità, mhejji qabel l-impożizzjoni tad-dazju addizzjonali.

3. Il-partijiet interessati għandhom jipprovdu evidenza li tissodisfa l-awtoritajiet doganali li l-ħtiġijiet tal-paragrafu 2 jitħarsu.

Iżda, dawn l-awtoritajiet jistgħu jqiesu illi l-oġġetti ħallew il-pajjiż tagħhom ta' l-oriġini qabel id-data ta' l-impożizzjoni tad-dazju addizzjonali jekk wieħed minn dawn id-dokumenti jkun provdut:

— għal trasport bil-baħar, il-polza tat-tagħbija li turi li t-tagħbija seħħet qabel dik id-data,

— għal trasport bil-ferrovija, il-polza tal-vjaġġ aċċettata mill-awtoritajiet ferrovjarji tal-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data,

— għal trasport bit-triq, il-kuntratt tal-ġarr bit-triq (CMR) jew dokument ieħor ta' transitu magħmul fil-pajjiż ta' oriġini qabel dik id-data, jekk il-kundizzjonijiet imniżżla f'arranġamenti bilaterali jew multilaterali konklużi fil-kuntest tat-transitu fil-Komunità jew transitu komuni jkunu osservati,

— għal trasport bl-ajru, il-polza tal-vjaġġ bl-ajru li juri li l-linja ta' l-ajru aċċettat l-oġġetti qabel dik id-data.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-30 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0702 00	Tadam
0707 00 10	Ħjar
0707 00 15	
0707 00 20	
0707 00 25	
0707 00 30	
0707 00 35	
0707 00 40	
0709 10 40	Qaqoċċ
0709 10 10	
0709 10 20	
0709 90 71	Zukkini
0709 90 73	
0709 90 75	
0709 90 77	
0709 90 79	
0709 90 61	Lariġ ħelu, frisk
0709 90 65	
0709 90 69	
0709 90 01	
0709 90 05	
0709 90 09	
0709 90 11	
0709 90 15	
0709 90 19	
0709 90 21	
0709 90 25	
0709 90 29	
0709 90 31	
0709 90 33	
0709 90 35	
0805 20 31	Klementini
0805 20 11	
0805 10 33	Mandarini, inkluż mandolina, satsumas, wilkings u ibridi simili taċ-ċitru
0805 20 35	
0805 20 37	
0805 20 39	
0805 20 13	
0805 20 15	
0805 20 17	
0805 20 19	
0805 30 30	Lumi
0805 30 40	
0805 30 20	
0806 10 40	Għeneb tal-mejda
0806 10 50	
0808 10 71	Tuffieħ [1]
0808 10 73	
0808 10 79	
0808 10 92	
0808 10 94	
0808 10 98	
0808 10 51	
0808 10 53	
0808 10 59	
0808 10 61	
0808 10 63	
0808 10 69	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0808 20 47 0808 20 51 0808 20 57 0808 20 67 0808 20 31 0808 20 37	Langas ([2])
0809 10 20 0809 10 30 0809 10 40	Berquq
0809 20 31 0809 20 39 0809 20 41 0809 20 49 0809 20 51 0809 20 59 0809 20 61 0809 20 69	Cirasa
0809 30 21 0809 30 29 0809 30 31 0809 30 39 0809 30 41 0809 30 49	Ħawħ u nuċiprisk
0809 40 20 0809 40 30	Għajnbaqar

([1]) Ħlief tuffieħ tas-sidru tal-kodiċi NM 0808 10 10 presentat fil-kwantità mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru.
([2]) Ħlief langas għall-meraq tal-kodiċi NM 0808 20 10 presentat fil-kwantità mill-1 ta' Awissu sal-31 ta' Diċembru.